MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 370/2019LM

**Il-Ministru għall-Finanzi u l-*Accountant General***

***vs.***

**Clive Farrugia (K.I.85985M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-15 ta' April, 2019, mill-atturi **l-Ministru għall-Finanzi** u **l-*Accountant General*** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u

maħluf minn **Paulanne Mamo** fil-kwalità tagħha ta' *Accountant General*, li jgħid kif ġej :

1. *Illi fit-tmienja (8) ta' Mejju 2009, l-intimat Clive Farrugia, f'attakk vjolenti, aggredixxa vjolentament lil Mary Grace Vella, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numri 485084M, u kkaġunalha feriti serji u permanenti li b'konsegwenza tagħhom sofriet diżabilità permanenti;*
2. *Illi permezz ta' skrittura privata (hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok AG1') datata sebgħa (7) ta' Diċembru 2015, il-Gvern ta' Malta, rappreżentat mid-Direttur Ġenerali (*Financial Policy and Management*) fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, wasal għal ftehim ma' Mary Grace Vella li jitħallas l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf u tliet mitt Euro (€23,300) lil Mary Grace Vella in kwantu jirrappreżenta d-danni sofferti minnha b'kawża tad-delitt fuq imsemmi;*
3. *Illi permezz tal-iskrittura surreferita, Mary Grace Vella ċediet lill-Gvern ta' Malta d-drittijiet tagħha naxxenti mill-fatti fuq imsemmija sal-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf u tliet mitt Euro (€23,300) kontra l-konvenut debitur Clive Farrugia u għaldaqstant l-istess Gvern ta' Malta ġie surrogat minn Mary Grace Vella fid-drittijiet tagħha sal-ammont fuq imsemmi kontra Clive Farrugia;*
4. *Illi inoltre, Mary Grace Vella awtorizzat lill-Gvern ta' Malta li jkollu l-ewwel 'ranking' qabel kull kreditur ieħor li jista' jivvanta xi kreditu konness u in segwitu tad-delitt kommess;*
5. *Illi l-attur Ministru għall-Finanzi, in ottemperanza mal-artikolu 1471 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, informa lill-konvenut debitur permezz ta' ittra uffiċjali datata ħamsa (5) ta' Jannar 2016 (hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok AG2'), illi Mary Grace Vella assenjat id-drittijiet tagħha sal-ammont ta' tlieta u għoxrin elf u tliet mitt Euro (€23,300) lill-Gvern ta' Malta u għalhekk kwalunkwe kreditu li seta' ġie lilha dovut mill-konvenut bis-saħħa tal-kawża fl-ismijiet 'Mary Grace Vella vs. Clive Farrugia' (Rikors Guramentat Numru 374/2011MCH) kien ġie assenjat lill-Gvern ta' Malta sal-ammont fuq imsemmi;*
6. *Illi fl-istess ittra uffiċjali l-konvenut ġie mgħarraf illi jekk bis-saħħa tal-kawża bin-numru 374/2011MCH, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tiddikjara li huwa kien unikament responsabbli għall-inċident tat-tmienja (8) ta' Mejju 2009 u tillikwida d-danni sofferti minn Mary Grace Vella b'konsegwenza tal-attakk vjolenti fuqha u in segwitu tikkundannah iħallas is-somma hekk likwidata, l-ewwel tlieta u*

*għoxrin elf u tliet mitt Euro (€23,300) kellhom jigu mgħoddija lill-Gvern ta' Malta u dan qabel kwalunkwe ammont ieħor li seta' ġie dovut minnu lil Mary Grace Vella;*

7. *Illi l-konvenut ġie notifikat b'din l-ittra uffiċjali fit-tmienja (8) ta' Jannar 2016, liema riferta qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok AG3' ;*

8. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ħamsa (5) ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet "Mary Grace Vella vs Clive Farrugia" (Rikors Ġuramentat Numru 374/2011 MCH), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat lill-intimat Clive Farrugia unikament responsabbli għall-inċident vjolenti li ta lok għad-danni sofferti minn Mary Grace Vella, illikwidat id-danni għas-somma ta' sebgħin elf u mija u ħamsa u għoxrin Euro (€70,125) u kkundannat l-konvenut iħallas din is-somma lil Mary Grace Vella (kopja legali hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok AG4'). Il-konvenut Clive Farrugia ma appellax id-deċiżjoni tal-Prim'Awla u għalhekk din saret* res judicata *fil-konfront tiegħu;*

9. *Illi l-Gvern ta' Malta għandu interess li jiġi kanonizzat kreditur kontra Clive Farrugia fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf u tliet mitt Euro (€23,300);*

10. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf u tliet mitt Euro (€23,300).*

2. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf u tliet mitt Euro (€23,300) dovut kif ingħad hawn fuq.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali datata ħamsa (5) ta' Jannar 2016. B'riserva ta' kull azzjoni oħra kontra l-konvenut.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Clive Farrugia** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") ippreżentata fil- 21 ta' Mejju, 2019, maħlufa mill-istess konvenut, fejn jgħid kif ġej:

1. *Illi t-talba attriċi qed tiġi kkontesta bħala infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;*

2. *Illi l-intimat m'għandu ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi;*

3. *Illi l-atturi qatt ma ġew u setgħu jigu surrogati, fl-2015, fid-drittijiet naxxenti mis-sentenza li ingħatat fl-2016 u b'hekk jagħmel l-azzjoni improponibili fid-dawl tal-proċedura użata u dan kif ser jigi trattat waqt il-kawża;*

4. *Illi l-azzjoni li għaliha l-attur qed jitlob din il-kundanna diġà ġiet deċiża permezz ta' sentenza 374/2011 u b'hekk jekk tintlaqa' t-talba ser ikun hemm ġudizzju doppju fuq l-istess mertu;*

5. *Illil-ammont imħallas mill-attur lill-vittma ingħata* ex gratia *u b'hekk ma hemm ebda kundizzjoni miegħu;*

6. *Illi skont l-istess skrittura l-vittma ġiet kkumpensata għal dak li ġara fl-inċident tat-8 ta' Mejju 2009 fejn apparti li sofriet danni fil-persuna tagħha sofriet danni fil-kapaċità taghha ta' werrieta ta' omma li sfat mejta fl-istess inċident u li għal dan ta' l-aħħar m'hemm deċiżjoni finali fis-sentenza u dan kif ser jiġi trattat waqt il-kawża;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-atturi stante li l-konvenut permezz ta' nota ppreżentata fit-18 ta' Novembru, 2019, iddikjara li ma kellux provi x'iressaq.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, li qiegħda tingħata llum.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fit-8 ta' Mejju, 2009, il-konvenut attakka u aggredixxa b'mod vjolenti lil Mary Grace Vella u kkaġunalha feriti serji u permanenti, b'mod li kawza ta' dan id-delitt hi sofriet diżabilità permanenti.

L-imsemmija Mary Grace Vella ffirmat skrittura privata fis-7 ta' Dicembru, 2015[1] (minn issa 'l quddiem "il-ftehim"), mal-Gvern ta' Malta fejn ġie miftiehem li dan għandu jħallasha *ex gratia* is-somma ta' €23,300 (tlieta u għoxrin elf u tliet mitt Euro) mill-*Compensation for Victims Fund,* rappreżentanti d-danni sofferti minnha b'riżultat tad-delitt. Ġie miftiehem ukoll li l-Gvern ta' Malta kien qed jiġi surrogat fid-drittijiet tal-vittma fil-konfront tal-konvenut sal-ammont imħallas. Mary Grace Vella tat l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex il-Gvern ta' Malta jkollu wkoll l-ewwel *ranking* qabel kull kreditur ieħor li seta' jivvanta xi kreditu in konnessjoni u b'riżultat tad-delitt.

L-attur Ministru għall-Finanzi informa lill-konvenut b'dan il-ftehim permezz ta' ittra uffiċjali[2] tal-5 ta' Jannar, 2016, kif jirrikjedi l-artikolu 1471 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut gie interpellat ukoll permezz tal-istess ittra uffiċjali sabiex fl-eventwalità li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ser tiddeċiedi l-kawża rikors maħluf numru 374/2011MCH billi tiddikjarah unikament

[1] A *fol.* 7 tal-process.
[2] A *fol.* 37 tal-process.

responsabbli ghad-delitt inkwistjoni u tordna li hu għandu jħallas dawk id-danni hekk likwidati minnha, l-ewwel €23,000 (tlieta u ghoxrin elf Euro) kellhom jitħallsu lill-Gvern ta' Malta.

Fil-fatt permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, il-konvenut ġie dikjarat unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni u għad-danni riżultanti lil Mary Grace Vella, u filwaqt li ġew likwidati d-danni fis-somma ta' €70,125 (sebgħin elf mija ħamsa u għoxrin Euro), ikkundannatu jħallas l-istess danni[3] lil Mary Grace Vella.

## Provi u riżultanzi

Ix-xhud **Paulanne Mamo** xehdet permezz ta' *affidavit*[4] fil-kwalità tagħha ta' *Accountant General.* Wara li għamlet riferiment għall-inċident li seħħ bejn Mary Grace Vella u l-konvenut fit-8 ta' Mejju, 2009, fejn tal-ewwel sofriet ġrieħi serji bħala riżultat ta' ferriment permezz ta' diversi daqqiet ta' sikkina ġewwa r-residenza tagħha, irrilevat li l-proċeduri kriminali kontra l-konvenut intemmu permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali fit-3 ta' Diċembru, 2014, fejn dik il-Qorti kkundannat lill-konvenut għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' 40 sena. Spjegat li Mary Grace Vella min-naħa tagħha kienet intavolat proċeduri kontra l-konvenut għall-ħlas ta' danni sofferti minnha bħala konsegwenza tal-imsemmi incident. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta'

[3] A *fol.* 39 tal-process.
[4] A fol. 63 tal-process.

sentenza fl-ismijiet **Mary Grace Vella *vs.* Clive Farrugia** (Rikors Maħluf numru 374/2011MCH) iddeċidiet li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident u kkundannatu jħallas id-danni riżultanti lil Mary Grace Vella likwidati fis-somma ta' €70,125. Sussegwentement il-Gvern ta' Malta u l-imsemmija Mary Grace Vella ftiehmu fuq ħlas *ex gratia* ta' €23,300 (tlieta u għoxrin elf u tliet mitt Euro) skont l-iskema li jipprovdu għaliha l-*Criminal Injuries Compensation Scheme Regulations* tas-sena 2012. Dan sar permezz ta' skrittura privata ffirmata fis-7 ta' Diċembru, 2015, fejn il-Gvern ta' Malta ġie surrogat fid-drittijiet ta' Mary Grace Vella kontra l-konvenut għall-ħlas tal-ammont imsemmi u ngħata l-ewwel *ranking* mingħandha qabel kull kreditur ieħor. *Ai termini* tal-artikolu 1471 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Ministru għall-Finanzi bagħat u nnotifika lill-konvenut ittra uffiċjali fil-5 ta' Jannar, 2016, fejn infurmah b'dan il-ftehim u qallu li fl-eventwalità li l-proċeduri ċivili kienu ser jintemmu b'kundanna tiegħu għall-ħlas tad-danni, allura hu kellu jħallas l-ewwel €23,300 lill-Gvern ta' Malta. Iżda l-konvenut baqa' ma ħallasx dan l-ammont u l-Gvern ta' Malta kellu kull interess li jiġi kanonizzat kreditur tiegħu għal dan l-ammont.

Xehed ukoll permezz tal-proċedura tal-*affidavit* **Martin Spiteri**[5] fil-kwalità tiegħu ta' Direttur Ġenerali (*Strategy and Support Services).* Filwaqt li għamel riferiment għall-ftehim suriferit, iddikjara li Mary Grace Vella kienet tħallset l-ammont miftiehem permezz ta' ċekk bankarju maħruġ mill-Bank Ċentrali ta' Malta u li kien iġib in-numru 284228.[6] Min-naħa tagħha Mary Grace Vella

[5] A *fol.* 66 tal-proċess.
[6] *A fol.* 68 tal-process.

kienet ħalliet id-debita riċevuta.[7] Ix-xhud għamel riferiment ukoll għall-proċeduri ċivili li ġew intavolati mill-istess Mary Grace Vella għad-danni sofferti minnha bħala riżultat tad-delitt li kien għamel il-konvenut, liema proċeduri kienu għadhom ma ntemmux meta ġie ffirmat il-ftehim. Ikkonferma wkoll li l-Ministru għall-Finanzi kien innotifika lill-konvenut bil-kontenut tal-ftehim permezz ta' ittra uffiċjali, u dan in ottemperanza mal-artikolu 1471 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Sussegwentement ingħatat sentenza finali għall-proċeduri ċivili mnedija minn Mary Grace Vella kontra l-imsemmi konvenut fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkundannatu jħallasha danni fis-somma ta' €70,125. Ix-xhud żied igħid li l-konvenut ma kienx ħallas l-ammont suriferit ta' €23,300 lill-Gvern ta' Malta u għalhekk dan kellu interess li jiġi kanonizzat kreditur tiegħu bil-proċeduri odjerni.

Waqt l-udjenza tat- 3 ta' Ġunju, 2019, xehed **Emanuel Sciriha**[8] fil-kwalità tiegħu ta' Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, u dan kif prodott mill-atturi. Huwa esebixxa lista tal-atti ppreżentati minn Mary Grace Vella kontra l-konvenut li giet immarkata bhala Dok. ES1[9], kif ukoll kopja ta' ittra uffiċjali ppreżentata minn Mary Grace Vella kontra l-konvenut u oħrajn, li ġiet immarkata bħala Dok. ES2.[10]

**In-Nutar Dott. Paul Callus**[11], li jaħdem fl-uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern xehed waqt dik l-istess udjenza. Ikkonferma li l-ftehim kien gie ffirmat quddiemu ma' Mary Grace Vella u kien jirrigwarda l-ħlas ta' kumpens skont il-*Criminal Injuries*

[7] *Ibid.*
[8] *A fol.* 80 tal-proċess.
[9] *A fol.* 82 tal-proċess.
[10] *A fol.* 83A tal-proċess.
[11] *A fol.* 84 tal-proċess.

*Compensation Schemes Regulations 2012.* Dakinhar stess hi rċeviet fil-preżenza tiegħu ċekk għal €23,300 (tlieta u għoxrin elf u tliet mitt Euro) u l-Gvern ta' Malta ġie surrogat fid-drittijiet tagħha kontra l-konvenut sa dan l-ammont u ngħata wkoll d-dritt tal-ewwel *ranking*. Ikkonferma li d-dokument li jinstab a *fol.* 6 tal-proċess huwa l-istess ftehim li xehed dwaru.

**Mary Grace Vella** xehdet ukoll fl-istess udjenza fejn għarfet il-firma fuq id-dokument li ġie muri lilha.[12]

Il-konvenut **Clive Farrugia** xehed in subizzjoni waqt l-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2019. Hu ddikjara li lil Mary Grace Vella ma kien ħallasha xejn.[13]

**Ikkunsidrat:**

*L-ewwel eċċezzjoni*

Il-konvenut qed jeċċepixxi b'mod preliminari li hu m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi.

Kif sewwa jgħidu l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, għalkemm ma jirriżultax li hemm relazzjoni ġuridika diretta bejn il-kontendenti, fil-ftehim l-istess Mary Grace Vella ssurrogat lill-Gvern ta' Malta kif rappreżentat mill-Ministeru tal-Finanzi fuq dak l-att, fid-drittijiet tagħha fil-konfront tal-konvenut

[12] *A fol.* 87 tal-proċess.
[13] *A fol.* 93 tal-proċess.

sal-ammont li ġie mħallas lilha ta' €23,300 (tlieta u għoxrin elf u tliet mitt Euro) mill-istess Gvern ta' Malta.

Issa s-subartikolu 181B(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja inkwistjoni",*

u ġaladarba kien proprju l-Ministeru tal-Finanzi li ffirma l-ftehim in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, ma jistax jingħad li ma kellux ikun l-attur il-Ministru tal-Finanzi li jidher in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta fil-proċeduri odjerni.

Imbagħad l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li:

> *"…kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General".*

Hawn ukoll jirrizulta li l-konvenut m'għandux raġun għaliex il-liġi tagħmilha ċara li proċeduri legali għall-ġbir ta' flus dovuti lill-Gvern jistgħu jigu intavolati mill-attrici l-*Accountant General*.

*It-tieni eċċezzjoni*

Fit-tieni lok il-konvenut qed jeċepixxi li l-atturi ma ġewx u saħansitra ma setgħux jiġu surrogati fis-sena 2015 f'dawk id-drittijiet li joħorġu mis-sentenza tal-Qorti li ngħatat sena wara fl-2016.

Il-Qorti qabelxejn tagħmel riferiment għall-ftehim fejn il-partijiet qablu li:

> *"L-ewwel parti qiegħda preżenjalment bis-saħħa ta' dan il-ftehim tiġi surrogata mit-tieni parti fid-drittijiet tat-tieni parti sal-ammont fuq imsemmi kontra 'l fuq imsemmi aggressur tagħha Clive Farrugia naxxenti mill-fatti fuq imsemmija ai termini tal-* Criminal Injuries Compensation Scheme Regulations, 2012 …".[14]

Tikkunsidra li ġaladarba l-Gvern ta' Malta ġie hekk surrogat fid-drittijiet ta' Mary Grace Vella fil-konfront tal-konvenut, u hawn għandu jingħad li skont l-istess ftehim is-surroga saret biss sal-ammont li tħallas lilha mill-Gvern ta' Malta, ġie surrogat ukoll fid-drittijiet kollha li kienet ivvantat kontrih fil-proċeduri quddiem din il-Qorti diversament preseduta li ntemmu permezz ta' sentenza fil-5 ta' Ottubru, 2016. Imkien f'dak il-ftehim ma kien qed jingħad, kif qed isostni l-konvenut, li l-Gvern ta' Malta kien qed jiġi surrogat fid-drittijiet ta' Mary Grace Vella riżultanti minn dik is-sentenza msemmija. Għalhekk kellha ssir din il-kawża u wkoll minħabba l-fatt li l-atturi naqsu milli jidħlu bħala parti f'dawk il-proċeduri u allura l-ġudizzju ma jiswiex fil-konfront tagħhom għall-fini ta' eżekuzzjoni. B'hekk din il-Qorti qiegħda hawn tintalab sabiex tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-atturi in vista tas-surroga mogħtija lill-Gvern ta' Malta fil-ftehim tas-7 ta' Diċembru, 2015.

Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax għalfejn din l-azzjoni hija improponibili.

*Ir-raba' eċċezzjoni*

Il-konvenut qiegħed isostni li jekk tintlaqa' t-talba attrici, dan ser iwassal għal ġudizzju doppju fuq il-mertu stante s-sentenza ta' din il-Qorti diversament

[14] Ir-regolament 19 ighid: *"Il-Gvern jiġi surrogat fid-drittijiet tal-vittmi tad-delitt kontra min jikkommetti d-delitt ikunx magħruf jew le."*

preseduta. Din il-Qorti tqis illi dan mhuwiex il-każ għaliex il-mertu fiż-żewġ proċeduri mhuwiex l-istess. Il-mertu f'dawk il-proċeduri kien jirrigwarda pretensjoni mressqa minn Mary Grace Vella għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità għad-danni riżultanti mid-delitt li seħħ fit-8 ta' Mejju, 2009, u għal-likwidazzjoni u ħlas ta' dawk id-danni, filwaqt li l-proċeduri odjerni jirrigwardaw il-ftehim, senjatament is-surroga mogħtija minn Mary Grace Vella ta' dawk id-drittijiet tagħha fil-konfront tal-konvenut fir-rigward tad-delitt li seħħ fit- 8 ta' Mejju, 2009.

*Il-ħames eċċezzjoni*

Il-konvenut jgħid ukoll li l-ammont imħallas lil Mary Grace Vella sar b'mod *ex gratia* u allura mingħajr kundizzjonijiet. Hawnhekk ukoll il-konvenut m'għandux raġun. Xhieda ta' dan huwa l-ftehim, kif ukoll l-ittra tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Marzu, 2014, annessa mal-istess ftehim u l-ittra tal-konsulent legali ta' Mary Grace Vella tas-6 ta' Lulju, 2015, fejn huma mfissrin sew iż-żewġ kundizzjonijiet imposti fuqha għal-ħlas lilha mill-Gvern ta' Malta tas-somma miftehma.

*Is-sitt eċċezzjoni*

Il-konvenut jgħid li skont l-iskrittura inkwistjoni Mary Grace Vella bħala vittma kienet qiegħda tiġi kkumpensata għad-danni riżultanti mill-incident inkwistjoni. Din l-eċċezzjoni tal-konvenut tirrigwarda d-drittijiet ta' Mary Grace Vella għall-ħlas ta' danni bħala werrieta ta' ommha li mietet fl-istess inċident

iżda li dwarhom ma kien għad hemm l-ebda sentenza finali. Il-Qorti tosserva li ma jidhirx li l-ftehim jirrigwarda d-drittijiet ta' Mary Grace Vella bħala werrieta u għalhekk din l-eċċezzjoni ma tistax titqies bħala waħda siewja u rilevanti.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, filwaqt li tilqa' t-talbiet attriċi;**
2. **Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' €23,300 (tlieta u għoxrin elf u tliet mitt Euro); u**
3. **Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi din is-somma.**

**Bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut. L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**